



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

2.10.2013

B7-0437/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 88(2), (3) u (4)(c) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 li jstabilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (D027417 – 2013/2726(RPS))

Renate Sommer f'isem il- Kunitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

RE\1005944MT.doc

PE519.282v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 li jstabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal

The European Parliament,

- **wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni (D027417),**
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 tas-16 ta' Mejju 2012 li jstabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 5a(3)(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni³,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 88(2), (3) u (4)(c) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, kif iddikjarat fl-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1924/2006, l-użu tal-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ma jridx ikun falz, ambigwu jew qarrieqi;
1. Jopponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 432/2012 li jstabbilixxi lista ta' indikazzjonijiet permessi dwar is-saħħa li jsiru fuq l-ikel, barra dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal;
 2. Iqis li dan l-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni mhux kompatibbli mal-għan u l-kontenut tal-att bażiku;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

¹ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.

² ĠU L 136, 25.5.2012, p.1.

³ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.